# Tpinġijiet li juru l-qtil ta' lsiera esebiti fit-tnedija ta' riċerka ġdida minn William Zammit

**Stqarrija | 10 ta' Marzu 2023**

Sett ta' 19-il tpinġija li juru l-qtil tal-ilsiera li ħadu sehem fil-konġura tal-1749 se jkun għall-wiri fil-pubbliku għall-ewwel darba waqt it-tnedija ta' ktieb miktub mill-Professur William Zammit, li jixħet dawl ġdid u intriganti fuq dik il-konfoffa.

It-tpinġijiet, li oriġinalment kienu jammontaw għal 24, kienu ġew mgħoddija lill-Mużew ta' Malta għall-ħabta tal-1909/10 minn J.R. Barlow, imbagħad tqiegħdu taħt il-ħarsien ta' Heritage Malta meta din ħadet post id-Dipartiment tal-Mużewijiet fl-2003. Ir-riċerka tal-Professur Zammit xprunat it-tindif u r-restawr tat-tpinġijiet mill-konservaturi ta' Heritage Malta. It-tpinġijiet huma xogħol artist li ismu għadu mhux magħruf iżda li aktarx ra b'għajnejh ix-xeni makabri tal-qtil tal-ilsiera, kif jixhdu d-dettall u l-eżattezza storika murija fil-pitturi.

Il-konġura tal-ilsiera, li l-moħħ warajha kien Mustafà, il-Paxà ta' Rodi, kienet ippjanata li titwettaq fid-29 ta' Ġunju 1749 mill-ilsiera Misilmin li kien hawn f'Malta dak iż-żmien. Il-pjan kien li l-Gran Mastru Manuel Pinto da Fonseca jinqatel, l-ilsiera Misilmin miżmuma l-ħabs jitħarrbu, Malta tinħakem u parti kbira mill-popolazzjoni tittieħed fl-iskjavitù. Ġara, iżda, li l-Ordni sar jaf bil-konfoffa u dawk li kienu involuti ġew arrestati u ttorturati u ħafna minnhom maqtula.

Il-ktieb il-ġdid tal-Professur Zammit, bit-titlu *Slavery, Treason and Blood*, huwa r-riżultat tar-riċerka li għamel l-awtur fl-Archivio Apostolico Vaticano f'Ruma, fejn skopra u kkopja għadd ta' ittri li bagħtu lil xulxin l-Inkwiżitur ta' Malta u s-Segretarju tal-Istat tal-Vatikan wara li nkixfet il-konfoffa. Dak li jagħmel lil din il-korrispondenza waħda unika huwa l-freskezza tagħha, billi l-ittri nkitbu pass pass mal-iżvolġiment tal-ġrajja.

Dan il-ktieb – ir-raba' wieħed f'sensiela esklużiva ta' monografiji ppubblikati minn Heritage Malta – imur lil hinn mill-konġura u mill-ittri u joffri tagħrif soċjo-politiku, reliġjuż u kulturali dwar il-kunċett tal-iskjavitù fil-perjodu modern bikri, ir-raġunijiet wara r-ribelljoni, u l-probabbiltà tas-suċċess. Mil-lat ta' illustrazzjonijiet, il-ktieb jinkludi s-sett ta' tpinġijiet li se jkun għall-wiri fit-tnedija.

Dan l-avveniment se jsir nhar il-Ġimgħa 24 ta' Marzu fis-19:30, fil-Gran Salon tal-Mużew Nazzjonali tal-Arkeoloġija, il-Belt Valletta. Id-dħul huwa b'xejn iżda l-parteċipanti jridu jirreġistraw minn qabel billi jmorru personalment fi kwalunkwe sit jew mużew ta' Heritage Malta jew inkella billi jidħlu hawn: https://heritagemalta.mt/store/e1169/

+356 2295 4000
info@heritagemalta.org
www.heritagemalta.org

35 Dawret Fra Giovanni Bichi
Il-Kalkara KKR 1280
Malta

Il-ktieb tal-Professur Zammit jista' jinxtara minn hawn: https://heritagemalta.mt/store/slavery-treason-and-blood-the-1749-plot-of-the-slaves-in-malta/

+356 2295 4000
info@heritagemalta.org
www.heritagemalta.org

35 Dawret Fra Giovanni Bichi
Il-Kalkara KKR 1280
Malta